MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2018

Rikors Maħluf Numru 683/2015 LM

**Stefan Mifsud (ID 504065M)**

***vs.***

**Malta Freeport Terminals Limited (C27581)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-13 ta' Lulju, 2015 mill-attur **Stefan Mifsud** (ID 504065M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minn Stefan Mifsud innifsu, li jgħid kif ġej:

1. *Illi r-rikorrenti huwa impjegat mas-soċjetà intimata;*
2. *Illi fis-6 ta' Ġunju 2011, waqt li r-rikorrenti kien fuq il-post tax-xogħol huwa weġġa' gravement u sofra debilità permanenti fil-persuna tiegħu kif jirriżulta miċ-ċertifikat mediku rilaxxjat minn Dr Jason Zammit (Dok. SM1) (lucrum cessans) u kif ukoll danni oħra fil-forma ta' damnum emergens;*
3. *Illi dan l-inċident ġara unikament minħabba tort jew negliġenza u/jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet meħtieġa da parti tas-soċjetà intimata u/jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol da*

*parti tas-soċjetà intimata u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi s-soċjetà intimata interpellata diversi drabi, inkluż permezz ta' ittri legali u sussegwentement b'żewġ ittri uffiċjali, datati 3 ta' Ġunju, 2013 u 25 ta' Mejju, 2015 (debitament notifikati) sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti dina baqgħet inadempjenti;*

5. *Illi għalhekk kellu jiġi intavolat dan ir-rikors ġuramentat.*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà intimata, għaliex m'għandhiex din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna, għar-raġunijiet fuq imsemmija li:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol nhar is-6 ta' Ġunju, 2011 f'liema inċident korra serjament l-attur, u per tant Tiddikjara u Tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta hija unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrent kaġun tal-istess inċident;*

2. *Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza tal-istess inċident;*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri legali u tal-ittri uffiċjali sudetti u bl-imgħax skont il-liġi kontra s-soċjetà intimata minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Malta Freeport Terminals Limited** (C27581) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fit-28 ta' Lulju, 2015, u maħlufa mill-avukat Duncan Borg Myatt (Numru tal-karta tal-identità 44578M) bħala rappreżentant tal-istess soċjetà konvenuta, li biha eċċepiet:

1. *Illi l-inċident in kwistjoni seħħ minħabba negliġenza, imprudenza, traskuraġni, non-osservanza, nuqqas ta' proper lookout u nuqqas ta' diliġenza tal-attur waqt li kien fuq il-post tax-xogħol;*
2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà konvenuta mhix responsabbli għall-inċident de quo;*

*3. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tal-attur huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża odjerna.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet. Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Ġunju, 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur meta kien *store manager* mal-Malta Freeport Terminals Limited, kellu inċident fuq il-post tax-xogħol tiegħu meta waqa' mill-iskaluna ta' fuq nett tas-sellum li kien fuqu waqt li kien qiegħed jagħmel xogħol fl-i*stores* tal-kumpannija. L-attur jilmenta minn diversi nuqqasijiet fl-operat tas-soċjetà konvenuta f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u jattribwixxi l-ħtija għal dak li ġara lilu unikament għal dawn in-nuqqasijiet. Fil-fatt wara li seħħ l-inċident, is-soċjetà konvenuta ħadet ħsieb tixtri slielem

ġodda għall-i*stores* fejn jaħdem l-attur u eventwalment ġie installat taraġ tal-ħadid sabiex il-ħaddiema ma jkollhomx għalfejn jużaw slielem.

Kawża tal-inċident l-attur sofra diversi ġrieħi, tant li kellu jsirlu anki intervent kirurġiku u għamel żmien twil jirċievi l-kura minħabba li wara l-operazzjonijiet li sarulu, huwa sofra minn xi infezzjonijiet. Kawża tal-inċident ukoll, l-attur għamel aktar minn sena ma jattendix ix-xogħol, għalkemm waqt il-ġbir tal-provi rriżulta li s-soċjetà konvenuta dejjem baqgħet toħroġlu paga fiż-żmien li għamel ma jmurx ix-xogħol.

Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha wieġbet li r-responsabbilità għal dan l-inċident m'għandhiex tiġi attribwita lilha, u li dan l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza, imprudenza, traskuraġni, nuqqas ta' *proper lookout* u nuqqas ta' diliġenza da parti tal-attur fuq il-post tax-xogħol, u konsegwentement l-ebda grad ta' ħtija m'għandu jiġi addebitat lilha u lanqas m'għandha tinżamm responsabbli għad-danni sofferti mill-attur.

## <u>Provi u riżultanzi</u>

Din il-Qorti semgħet għadd ta' xhieda prodotti mill-partijiet fil-kawża, kif ukoll ikkunsidrat id-diversi *affidavits* u dokumenti li tressqu f'dawn il-proċeduri partikolarment sabiex setgħet tagħmel l-evalwazzjoni tagħha tal-fatti kif ġraw. Flimkien mar-Rikors Maħluf, l-attur ippreżenta kopja ta' rapport redatt mill-kirurgu ortopediku **Mr Jason Zammit**[1], fejn jingħad li l-inċident inkwistjoni seħħ fis-6 ta' Ġunju, 2011 meta l-attur kien fuq l-iskaluna ta' fuq nett ta' sellum, u għal xi raġuni hu waqa' lura. Waqt il-waqgħa, siequ tal-lemin inqabdet bejn l-iskaluni tas-sellum. Minkejja li dak il-ħin tal-inċident ma kienx

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.

hemm xhieda fuq il-post, kien hemm diversi persuni li semgħu l-għajjat tal-attur għall-għajnuna, u li sejħu ambulanza sabiex hu seta' jittieħed fl-isptar għall-kura. Fl-isptar ġie stabbilit li l-attur kellu ksur f'siequ tal-lemin, u li kien hemm il-bżonn ta' intervent kirurġiku sabiex il-ksur seta' jiġi kkurat, u sabiex jiddaħħlu *pins* tal-metall biex jgħinuh fil-fejqan. F'Awwissu tal-2011 l-attur ġie riferut għall-fiżjoterapija, u fil-bidu deher li l-kundizzjoni tiegħu kienet ġejja 'l quddiem sakemm f'Marzu tal-2012 hu żviluppa sinjali ta' infezzjoni fil-post fejn kien sarlu l-intervent, bir-riżultat li l-*pins* tal-metall li kienu tpoġġewlu f'saqajh kellhom jitneħħew permezz ta' intervent ieħor. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kellu bżonn trattament fit-tul permezz tal-antibijotiċi, u li l-attur seta' jimxi mingħajr assistenza f'April tal-2012, filwaqt li kien biss f'Ottubru tal-2012 li hu seta' jirritorna lura għax-xogħol.

Mr Zammit ikkonferma li l-attur għadu jsofri minn uġigħ persistenti fl-għarqub, partikolarment fix-xhur tax-xitwa, u li dan l-uġigħ ma jippermettilux jieqaf fuq saqajh għal ħin twil. Ix-xhud ikkonferma li l-ksur li sofra l-attur ħa aktar fit-tul milli kien mistenni biex ifiq, u dan minħabba fl-infezzjoni li qabditu u li wasslitu biex jagħmel 16-il xahar barra mix-xogħol. Barra minn hekk, l-espert mediku *ex parte* kkonstata li l-attur sofra debilità permanenti fil-grad ta' 6%.

L-attur **Stefan Mifsud** xehed bil-mezz tal-*affidavit*[2], u kkonferma li l-inċident inkwistjoni seħħ fis-6 ta' Ġunju, 2011 għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar, meta hu ħtieġlu jitla' fuq sellum sabiex jaċċedi għal parti mill-imħażen tas-soċjetà konvenuta magħrufa bħala *'archive roof'*. Fi kliem l-attur stess:

[2] *A fol.* 21 tal-proċess.

> "Ġara illi jien u tiela' u wasalt kważi fuq jiġifieri tlajt xi disa' (9) skaluni, is-sellum resaq lura circa metru, sakemm żamm ma' pallet li kienet viċin, u bl-iskoss meta resaq lura, saqajja l-leminija daħlet b'saħħa bejn l-iskaluni u ħadet daqqa kbira mal-art. Jien bqajt imdendel mas-sellum u ma bqajtx inħoss saqajja li kienet imdendla."

L-attur qal li l-uniku mezz li bih hu seta' jaċċedi għall-parti tal-i*store* inkwistjoni kien biss permezz ta' sellum, u li waqt il-ħin tal-inċident hu kien liebes *safety shoes.* L-attur qal ukoll li wara l-inċident inkwistjoni, is-soċjetà konvenuta ħadet ħsieb tixtri slielem ġodda għall-imħażen, u tinstalla taraġ fiss tal-ħadid li jgħaqqad iż-żewġ livelli ma' xulxin b'kostruzzjoni permanenti tal-ħadid. Barra minn hekk, is-soċjetà konvenuta pprovdiet *man cage* li jinqabad b'*fork lifter* sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu postijiet għoljin. L-attur qal ukoll li wara l-inċident inkwistjoni, is-*Safety and Environment Officer* tal-Freeport, Mario Delicata kien għamel stħarriġ fejn ġie stabbilit li s-slielem ipprovduti mill-kumpannija ma kinux siguri, u fil-fatt fl-ewwel ġurnata tax-xogħol ta' wara l-inċident, dawn ġew mibdula ma' slielem industrijali li kienu itwal u li kellhom *rubber stoppers.* L-attur kompla jispjega kif ħaddiem fil-grad tiegħu m'għandux l-għarfien neċessarju biex ikun jaf jekk l-għodda fornuta lilu biex jaħdem biha hix sigura jew le, u li kien biss wara l-inċident inkwistjoni li fil-Malta Freeport sar l-ewwel *risk assessment* dwar is-sigurtà fl-i*stores*. Skont l-attur l-aspett tas-sigurtà ma kienx ta' priorità fil-parti tal-Freeport fejn kien jaħdem hu, u dan minkejja li l-i*stores* huma meqjusa bħala *high risk zone.* L-attur jistma li huma inqas minn 50% tar-rakkomandazzjonijiet li jsiru dwar l-aspett tas-sigurtà li jiġu implimentati mill-kumpannija, u dan minħabba nuqqas ta' fondi. L-attur xehed ukoll li hu kien ilu li għamel rakkomandazzjoni lill-*management* tal-kumpannija sabiex fl-i*stores* jiġi installat taraġ tal-metall, iżda kien biss wara l-inċident mertu ta' din il-kawża li dan it-taraġ sar.

Eżempji ta' nuqqas ta' ħarsien ta' miżuri għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, l-attur isemmi diversi, fosthom il-fatt li għal żmien twil il-petrol kien jiġi maħżun fl-i*stores*, u li fl-istores ma kienx hemm *fire hydrant system.* L-attur jgħid li s-soċjetà konvenuta kienet taf li naqset f'diversi aspetti ta' saħħa u sigurtà, tant li mill-għada tal-inċident tiegħu, bdew jittieħdu miżuri biex jiġu rettifikati diversi nuqqasijiet. L-attur ikkonferma li tul iż-żmien kollu li hu dam ma jmurx ix-xogħol, hu dejjem baqa' jitħallas, u skont hu dan jikkonferma li s-soċjetà konvenuta kienet taf li naqset fil-konfront tiegħu.

L-attur esebixxa prospett ta' x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu, kemm fir-rigward ta' danni materjali li hu sofra, kif ukoll fir-rigward ta' *lucrum cessans.*[3]

L-attur ippreżenta l-*affidavit* ta' **Karmenu Borg**[4] impjegat bħala *stores clerk* fil-Malta Freeport Terminals Ltd, li xehed li hu kien familjari sew mal-imħażen li weġġa' l-attur fihom, minħabba li spiss kien jidħol fihom b'rabta max-xogħol tiegħu. Ix-xhud qal li l-imħażen inkwistjoni huma maqsuma f'żewġ livelli, u li sabiex jintlaħaq il-livell ta' fuq, l-uniku aċċess li kien hemm f'dak iż-żmien tal-inċident kien permezz ta' sellum. Ix-xhud jgħid illi:

> "Dawn is-slielem (3 b'kollox) ma kellhomx *rubber stoppers* fuq taħt, kienu antiki u ma kinux f'kundizzjoni tajba. Għandi ngħid li wara l-inċident ta' Stefan dawn is-slielem tneħħew kollha mill-i*stores* u ġew *replaced* b'oħrajn ġodda li fihom *rubber stoppers* fil-qiegħ. Ngħid ukoll illi fil-post fejn weġġa' Stefan illum hemm taraġ fiss tal-ħadid li allura jgħaqqad iż-żewġ livelli ma' xulxin b'kostruzzjoni permanenti tal-ħadid."

Ix-xhud iddeskriva kif dakinhar tal-inċident, hu kien sema' lill-attur jgħajjat bl-uġigħ u flimkien ma' diversi impjegati oħra mar sabiex jara x'kien ġara. Hu qal li meta d-*duty nurse* tal-Freeport talab għas-silġ sabiex jitpoġġa fuq saqajn l-attur, kien ix-xhud li kellu jmur il-*canteen* sabiex jitlob is-silġ, u minflok blokok

[3] *A fol.* 227 tal-proċess.
[4] *A fol.* 18 tal-proċess.

tas-silġ hu ngħata pakketti tal-frott u l-ħaxix iffriżat sabiex jiġu applikati fuqu. Ix-xhud allega li l-ambulanza damet ħafna biex waslet, u li fit-triq lejn l-Isptar kien hu li tela' mal-attur u l-infermiera. Ix-xhud qal ukoll li waqt il-vjaġġ, l-infermiera nnutat li l-attur ma kellux ċirkolazzjoni tad-demm f'saqajh, u li fl-ambulanza stess kellhom isirulu trattamenti sakemm id-demm reġa' beda jiċċirkola.

Xhud ieħor, **Raymond Spiteri**[5], fl-*affidavit* tiegħu jgħid li wara l-inċident inkwistjoni kienet saret analiżi ta' x'wassal għal dan l-inċident, kif ukoll li s-slielem li kien hemm inbidlu ma' oħrajn ġodda u aktar siguri filwaqt li tpoġġa taraġ tal-ħadid sabiex jgħaqqad iż-żewġ livelli tal-i*stores* ma' xulxin.

**Henry Galea,** *handyman* mas-soċjetà konvenuta xehed fl-*affidavit* tiegħu[6] li kien hu li ta l-ewwel għajnuna lill-attur dakinhar tal-inċident.

> "Kien is-sagħtejn u kwart, meta jien kont dieħel nagħmel xi xogħol fil-Warehouse Extension u smajt għajjat għall-għajjut u mill-ewwel għaraft li kien leħen Stefan. Mort niġri fid-direzzjoni tiegħu u lmaħt lil Stefan imdendel mas-sellum u b'siequ mdaħħla ġos-sellum. Hu qalli li jaħseb li kiser siequ għax m'għandux moviment f'siequ l-leminija. Għintu biex jinqala', billi qbadtu minn wara dahru minn taħt sidru u ġbidtu 'l barra bil-mod sakemm ħarġet siequ minn ġos-sellum. Hu qam fuq siequ x-xellugija u talabni biex ngħinu jimtedd mal-art."

**Andre Seisun**[7], impjegat bħala *store keeper* il-Freeport, u **Brian Darmanin**, *store keeper* ukoll[8], ikkonfermaw il-verżjoni tal-attur ta' kif seħħ l-inċident, kif ukoll il-miżuri u l-prekawzjonijiet li ttieħdu mis-soċjetà konvenuta wara l-inċident.

---

[5] *Affidavit a fol.* 27 tal-proċess.
[6] *A fol.* 28 tal-proċess.
[7] *Affidavit a fol.* 29 tal-proċess.
[8] *Affidavit a fol.* 30 tal-proċess.

Fl-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2016 il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' **Mario Delicata**[9], *Health and Safety Officer* il-Freeport, li qal li meta seħħ l-inċident odjern hu kien għadu jilħaq fil-kariga. Hu qal li l-proċedura fil-Freeport kienet li meta jkun hemm korriment fuq il-post tax-xogħol, imorru uffiċjali tas-sigurtà flimkien mas-*shift leader* fuq il-post biex ikunu jistgħu jieħdu ritratti, jagħmlu rapport, u jaraw min kienu x-xhieda fuq il-post tal-inċident. Ix-xhud qal li kif wasal fuq il-post induna li l-attur kien muġugħ ħafna u ddeċieda li dak ma kienx il-waqt li jkellmu.

> "Jien sibtu mal-art, kellu sieq waħda qiegħda mal-art u l-oħra mobilizzata min-nurse, kien muġugħ ħafna u dak il-ħin infurmajt bit-telephone lid-Direttur tal-*health and safety*."

Ix-xhud ikkonferma li wara li l-attur ittieħed l-Isptar, hu beda jagħmel xogħol ta' evalwazzjoni sabiex jassigura li inċident bħal dak li ġara ma jerġax jiġri. Fost il-miżuri li ttieħdu, ġie deċiż li jsir taraġ fiss tal-ħadid sabiex ma titkompliex il-prassi li l-aċċess għal fuq ikun b'sellum. Ix-xhud qal li minkejja li jsiru *checks* fuq l-apparat li jintuża fil-Freeport b'mod abitwali, finalment hija responsabbilità tal-impjegat li jassigura li jekk ikun ser juża xi apparat, jara li dan ikun sigur. Ix-xhud qal li s-sellum li kien fuqu l-attur dakinhar tal-inċident kien intrema u li dan ġie mibdul ma' slielem aktar għoljin u bi *grommets* tal-gomma fil-parti t'isfel tagħhom. Ix-xhud qal li s-slielem mixtrija mis-soċjetà konvenuta dejjem ikunu *EU standard*, iżda dawn maż-żmien jibdew jiddeterjoraw u mhux dejjem jiġu ċċekkjati minn min ikun ser jużahom biex jassigura li mhumiex perikolużi.

Mistoqsi jafx jekk it-taraġ inkwistjoni li hemm illum tpoġġiex fil-post wara l-inċident jew qabel, ix-xhud wieġeb li hu jinsab ċert li t-taraġ tpoġġa fil-post wara l-inċident. Hu kkonferma li l-Freeport huwa meqjus bħala *high risk zone,*

[9] *A fol.* 91 tal-proċess.

u li kull ħaddiem tal-Freeport jingħata taħriġ bażiku fis-saħħa u s-sigurtà meta jibda jaħdem hemm. Ix-xhud qal ukoll li l-attur għandu l-inkarigu li jassigura li fl-i*stores* ikun hemm kollox in regola, u li jieħu ħsieb li jobdi r-regoli mija fil-mija meta dawn jiġu implimentati. Ix-xhud ikkonferma wkoll li wara l-inċident tal-attur, ġiet installata speċi ta' gaġġa li teħel ma' *forklifter* sabiex min ikollu bżonn xi ħaġa minn ċertu għoli, ikun jista' jġibha mingħajr periklu.

Fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru, 2016 xehed **Mark Sultana**[10], konsulent dwar il-*Quality Health and Safety Environment* fil-Freeport, li spjega li x-xogħol tiegħu fil-Freeport kien jinvolvi l-iżvilupp ta' *policies* dwar il-kwalità, is-saħħa, is-sigurtà u l-ambjent fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud qal li qabel l-inċident mertu ta' din il-kawża kien sar *fire and safety risk assessment* tal-inġenji tal-istores u li dan ġie abbozzat wara li kien hemm persuni impjegati ma' kumpannija barranija li kienu marru jispezzjonaw diversi żoni tal-Freeport sabiex seta' jiġi abbozzat dan ir-rapport. Hu qal li apparti li abbozzaw rapport, dawn il-persuni kienu għamlu sensiela ta' *checklists* b'verifiki li jridu jsiru perjodikament sabiex jiġi assigurat li s-sigurtà u s-saħħa qed jiġu mħarsa. Ix-xhud qal li lill-ħaddiema tal-Freeport kienu nħarġulhom linji gwida dwar l-użu sigur tas-slielem u li l-ewwel ma jinħarġu dawn ikun fuq in-*notice boards* u sussegwentement kien hemm żminijiet fejn mal-paga jitqassam fuljett b'artiklu dwar il-*health and safety* lill-impjegati kollha. Mistoqsi jekk bid-distribuzzjoni ta' dawn l-artikli, il-Freeport għandux jitqies li ottempera ruħu mal-obbligi tiegħu li jagħti taħriġ fil-*health and safety,* ix-xhud wieġeb li bi '*training'* wieħed jistenna li jkun hemm '*demonstration',* xi ħaġa li ma ngħatatx f'post li jikkwalifika bħala li hu ta' riskju daqstant għoli. Ix-xhud ikkonferma li l-miżura li ttieħdet li jitpoġġa taraġ minflok jibqa' jintuża sellum fl-i*stores,* kienet waħda pożittiva u li toffri

[10] *A fol.* 111.

aktar sigurtà. Mistoqsi jekk kienx hemm proċedura fis-seħħ sabiex meta jkun hemm *request* minn impjegat, bħal dik li għamel l-attur lura fl-2002 biex fl-i*stores* ikun hemm taraġ minflok jintuża sellum, din tiġi indirizzata, ix-xhud wieġeb li ma kienx hemm proċedura bħal din fil-Freeport.

Ix-xhud qal li wara inċident bħal dak li kien involut fih l-attur, issir investigazzjoni mill-persuna li tieħu ħsieb is-sigurtà fil-Freeport, sabiex tiġi determinata r-*root cause* u jsiru rakkomandazzjonijiet għal miżuri ta' prevenzjoni. Mistoqsi jekk fil-konkret saritx xi ħaġa biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fir-rapport li sar mis-*security,* ix-xhud wieġeb li ma jafx. Id-difensur tal-attur talab għad-dokumentazzjoni relattiva:

> "Jien qed nistaqsik wara s-*security report*. Int għidtilna imbagħad tagħmlu qiskom investigazzjoni tal-*health and safety* bir-rakkomandazzjonijiet. Għandi bżonn dokumenti relattivi għal dak li sar wara s-*security report* sal-implimentazzjoni tal-*fixed staircase*, sal-gaġġa, *in between*. Min kienu l-persuni li ddiskutew, x'iddiskutejtu, rapporti bil-miktub, dak li għandi bżonn. Jeżistu l-ewwel nett?"

Ix-xhud wieġeb li wara li sar ir-rapport tas-*security,* kien ġie installat it-taraġ, iżda provi dokumentarji oħra dwar x'sar wara dan l-inċident sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati, ma sabx. Mistoqsi dwar aspetti ta' sigurtà fl-użu tas-slielem, ix-xhud wieġeb li huwa importanti li wieħed jiċċekkja l-art tiżloqx, l-angolu tal-inklinazzjoni, u li jkun hemm it-*three point contact.* Iżda qal ukoll li dawn il-fatturi la kienu msemmija fin-*newsletter* li ngħatat lill-impjegati u lanqas ma kien hemm xi *training* speċifiku għalhekk. Ix-xhud iżda kkonferma li fin-*newsletter* li tqassmet lill-impjegati kien hemm rappreżentazzjonijiet grafiċi li juru kif wieħed għandu juża sellum. Mistoqsi jekk lilu rriżultalux li l-inċident seħħ minħabba li l-attur naqas li josserva r-regoli tas-sigurtà stabbiliti dwar l-użu tas-slielem jew inkella l-inċident seħħx minħabba li lill-attur weħlitlu saqajh mal-ogħla skaluna tas-sellum, ix-xhud

wieġeb li ma jafx. Ix-xhud qal ukoll li ma jafx x'sar mis-sellum li weġġa' bih l-attur.

Fl-udjenza tal-11 ta' April, 2017, xehed **Dr Duncan Borg Myatt**[11], li hu d-*Direttur tal-Human Resources and Legal, Insurance u Health and Safety,* ġewwa l-Freeport u li kkonferma li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża, hu kien diġà fil-kariga li għadu jokkupa. Ix-xhud spjega x'inhuma l-obbligi tiegħu bħala *employer* fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol:

> "… *on a day to day basis* u fil-prattika tan-natura tax-xogħol tagħna, joħroġ mil-liġi li aħna noffru *a safe work environment* and that's all, jiġifieri imbagħad … u għalhekk kien hemm il-manager u l-health and safety officer li *on a day to day basis* jaraw huma l-operati u *risk assessments* every now and then jipproponu affarijiet."

Ix-xhud qal li t-taħriġ fil-Freeport jingħata fuq bażi kontinwa, u li jsiru ħafna *quality assurances* u *audits* kontinwi. Madanakollu seta' biss jikkonferma li dawn affarijiet li jsiru fuq bażi ġenerali u ma setax jikkonferma x'tip ta' *risk assessments* kienu jsiru fl-i*stores*. Ix-xhud qal li dakinhar li seħħ l-inċident hu kien niżel mill-ewwel biex jara l-kundizzjoni ta' Stefan Mifsud x'kienet eżatt u li hu sabu mimdud u muġugħ.

> "Naf li mar l-isptar, ovvjament komplejna nsegwu fis-sens tal-kundizzjoni tiegħu. Li nista' ngħid hu li personalment naf li dam ħafna l-isptar, għadda minn ċertu operazzjonijiet u biex inkun korrett u nkun qed ngħid kollox ukoll, illi infurmat li anke mill-isptar stess kien hemm xi kumplikazzjonijiet minħabba xi *bacteria* jew *germs* li kkomplikawlu s-sitwazzjoni tiegħu. Fil-fatt dam ħafna barra, sena żgur."

Ix-xhud seta' jikkonferma li fl-i*stores* illum ġie installat taraġ u speċi ta' gaġġa sabiex ix-xogħol fl-i*stores* ikun wieħed li joffri inqas periklu għall-ħaddiema, madanakollu hu qal li dawn il-miżuri mhux neċessarjament ittieħdu minħabba

[11] *A fol.* 172 tal-proċess.

fl-inċident tal-attur, iżda '*as a part of an overhaul system'.* Ix-xhud ġie mistoqsi dwar kif kienu jiġu pproċessati talbiet bħal dik li kien bagħat l-attur fis-sena 2002 sabiex jiġi installat taraġ fl-i*stores*, iżda hu wieġeb li fis-sena 2002 il-Freeport kienet għadha korporazzjoni tal-Gvern u mhux kumpannija privata, u għalhekk ma kienx jaf x'kien isir f'dak iż-żmien.

Il-Qorti ħatret lill-espert mediku **Mr Carmel Sciberras**[12] sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident fuq is-saħħa tal-attur, u jekk kawża tal-inċident l-attur sofriex minn debilitajiet ta' natura permanenti.

L-attur xehed għal darb'oħra fl-udjenza tas-17 ta' Mejju, 2017[13] fejn ikkonferma li r-*risk assessment* li kien isir fil-Freeport kien isir speċifikament għat-tifi tan-nar u dwar il-perikli riżultanti minn sustanzi li jistgħu jikkawżaw nar, dwar kif il-ħaddiema jistgħu joħorġu mill-post jekk jieħu n-nar, u taħriġ estensiv fuq is-sistema tal-elettriku fl-i*stores*. Madanakollu dan it-tip ta' taħriġ ma kien relatat bl-ebda mod mal-għodda li weġġa' biha l-attur. Ix-xhud iddeskriva l-mod kif kien sar l-inċident u għal darb'oħra kkonferma li ftit wara l-inċident li kellu hu, il-kumpannija kienet bidlet is-slielem tal-i*stores* u installat taraġ tal-ħadid.

L-espert mediku maħtur mill-Qorti **Mr Carmel Sciberras** ippreżenta r-rapport tiegħu[14] fis-6 ta' Lulju, 2017, wara li kien eżamina lill-attur, li min-naħa tiegħu ta l-informazzjoni kollha rilevanti għall-każ, kif ukoll id-dettalji ta' kif seħħ l-inċident. Mr Sciberras ikkonferma li l-ksur li sofra l-attur kien fit-*tibia* u l-*fibula* fejn tifforma l-għaksa, u li l-għada tal-inċident kellu jsir intervent kirurġiku fuq l-attur fejn il-ksur ġie msewwi permezz ta' pjanċa u viti u *external fixator*.

[12] Verbal tal-udjenza 17 ta' Mejju, 2017.
[13] *A fol.* 191 tal-proċess.
[14] *A fol.* 218 tal-proċess.

Meta ħareġ mill-Isptar, l-attur seta' jimxi bl-għajnuna ta' *walker,* għalkemm kien joqgħod attent li ma jitfax piż fuq is-sieq li kiser. Lill-espert mediku rriżultalu li xi żmien wara li ħareġ mill-Isptar, l-attur qabduh xi infezzjonijiet minħabba l-mikrobu tal-MRSA, u minħabba f'hekk ħtieġlu jieħu ħafna antibijotiċi kuljum. L-attur kellu bżonn ta' ħafna rijabilitazzjoni wkoll, u kien biss wara madwar erbatax-il xahar li seta' jmur lura għax-xogħol. Kien hemm ġranet fejn kien ikun muġugħ ħafna fuq il-post tax-xogħol u fil-15 ta' Jannar, 2017 beda jaħdem bħala *Assistant Manager, Purchasing Department,* li hu xogħol li ma jinvolvix daqshekk strapazz. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, Mr Sciberras jgħid li mill-eżami li kkonduċa fuq l-attur, kif ukoll minn studju tal-istorja u tal-eżamijiet mediċi li saru fuq l-attur, hu seta' jikkonferma li l-attur ġarrab ħsara sew fl-għaksa, tant li diġà qiegħed jiżviluppa l-*artrite* fiha, u jista' jkun li 'l quddiem ikollu bżonn intervent f'sieq―u. L-espert mediku seta' jikkonkludi li minkejja li fil-preżent l-attur jidher li qed jimxi mhux ħażin, aktar ma jgħaddi ż-żmien iktar ser ikollu problemi u wġigħ li jillimitawh fil-mixi. In vista ta' dan kollu premess, Mr Sciberras hu tal-fehma li l-attur sofra diżabilità permanenti fil-grad ta' 7% b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

Il-Qorti reġgħet semgħet lil Dr Duncan Borg Myatt[15] fl-udjenza tas-27 ta' Settembru, 2017, li kkonferma li wara l-inċident tal-attur, ir-*risk assessment* li sar wara kien sar fis-sena 2016, u li kemm is-sellum kif ukoll il-gaġġa tpoġġew wara l-inċident li kellu l-attur.

Lill-attur sarlu kontroeżami fl-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2018[16], fejn ġie mistoqsi dwar id-diversi rċevuti ppreżentati minnu ta' spiżeriji varji, li fost affarijiet oħra *itemised* kienu jinkludu wkoll *toiletries.* L-attur wieġeb li hu mill-ispiżerija kien jixtri diversi faxex, *sterile gauzes, saline water, elastoplasts* bil-

[15] *A fol.* 223 tal-proċess.
[16] *A fol.* 231 tal-proċess.

*padding*, diversi kremi u lozjonijiet u dawn sabiex jimmedika l-feriti li kellu. Hu xehed li fl-irċevuti esebiti minnu ma kienx hemm inklużi oġġetti li ma kellhomx x'jaqsmu mal-feriti li kellu kawża diretta tal-inċident.

Kontroeżami ieħor sar lix-xhud Harry Galea[17] fl-udjenza tal-5 ta' Frar, 2018, u dan wara li hu kien xehed li l-attur kien tip ta' persuna li jħobb ikollu kollox kif suppost. Mistoqsi jekk l-attur qattx ilmenta li xi slielem huma perikolużi jew li xi għodda m'għandhiex tintuża minħabba li mhix kif suppost, ix-xhud wieġeb li le. Madanakollu x-xhud qal li hu ġieli sema' lill-attur jgħid li kien talab lid-diriġenti tal-kumpannija biex issir skalapiża ħalli l-ħaddiema jużaw lilha minflok is-sellum.

Fl-istess udjenza kompla l-kontroeżami tal-attur[18], li meta mistoqsi wieġeb li kien ilu snin juża sellum fuq il-post tax-xogħol. Hu qal li s-sellum li waqa' minn fuqu hu ma kellux *rubber* fil-qiegħ tiegħu, u li l-inċident seħħ billi s-sellum iżżerżaq lura u mhux waqa'. L-unika ħaġa li żammet is-sellum milli jaqa' ċatt mal-art kienet *pallet* u mutur tqil u s-sellum weħel magħhom.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Din il-Qorti evalwat il-provi kollha prodotti u l-artikoli rilevanti tal-liġi u tibda billi tesprimi t-tħassib tagħha għall-fatt li fiż-żminijiet tal-lum għadu jitqies aċċettabbli li ħaddiema jiġu mistennija jagħmlu użu minn sellum sabiex iniżżlu affarijiet mill-għoli fuq il-post tax-xogħol tagħhom li jkunu ta' ċertu toqol. Jidher li tal-istess fehma hi s-soċjetà konvenuta, li mill-ewwel rat kif għamlet

[17] *A fol.* 240 tal-proċess.
[18] *A fol.* 242 tal-proċess.

biex tirrettifika s-sitwazzjoni fuq il-post tax-xogħol inkwistjoni billi ħadet ħsieb tassigura li jiġi installat taraġ, titpoġġa *man cage* għall-użu mill-ħaddiema u bidlet is-slielem kollha li kien hemm fl-i*stores* fejn kien jaħdem l-attur ma' oħrajn aktar siguri. Naturalment dan sar kemm minħabba li s-soċjetà konvenuta għarfet li kienet naqset milli tipprovdi ambjent san u sikur għall-ħaddiema tagħha u għaldaqstant riedet tirrettifika s-sitwazzjoni malajr kemm jista' jkun, kif ukoll minħabba li għarfet li l-ambjent tax-xogħol kif kien, seta' jagħti lok għal inċidenti oħra simili fil-futur.

Ix-xhieda prodotti mill-attur, kif ukoll l-uffiċjali tas-soċjetà konvenuta inkarigati mis-saħħa u s-sigurtà, ilkoll xehdu li l-miljoramenti li seħħew fl-imħażen fejn seħħ l-inċident inkwistjoni, saru wara dan l-inċident. Ix-xhieda kollha prodotti jaqblu li t-taħriġ lill-ħaddiema fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà kien nieqes, tant li l-konsulent dwar il-*quality health and safety environment* tas-soċjetà konvenuta, Mark Sultana, xehed li t-taħriġ li kien jingħata lill-ħaddiema ma kienx adegwat, u jidher li għajr għal xi fuljetti u materjal stampat, il-ħaddiema ftit li xejn kienu jingħataw informazzjoni dwar kif għandhom jipproteġu lilhom infushom f'post tax-xogħol li hu meqjus bħala *high risk zone,* kif irriżulta mill-ġbir tal-provi. Barra minn hekk irriżulta wkoll li għajr għat-taraġ u l-*man cage* li ġew installati wara dan l-inċident, ftit li xejn ittieħdu miżuri min-naħa tas-soċjetà konvenuta sabiex in-nuqqasijiet li nstabu, jiġu indirizzati. Tant hu hekk, kif xehed l-avukat Duncan Borg Myatt, ir-*risk assessment* wara li seħħ dan l-inċident, sar fis-sena 2016, ossia ħames snin sħaħ wara li seħħ l-inċident inkwistjoni.

Minn dan kollu il-Qorti tasal għall-konklużjoni li r-responsabbilità għall-inċident odjern hija unikament tas-soċjetà konvenuta, u minkejja l-eċċezzjonijiet imressqa minnha, ma kien hemm xejn li seta' jagħmel l-attur biex jipprevjeni inċident bħal dan milli jsir, speċjalment meta wieħed

jikkunsidra l-għodda li kellu biex jaħdem biha u n-nuqqas ta' taħriġ dwar kif l-aħjar jużaha.

Illi kif kellha l-okkażjoni tistabbilixxi din il-Qorti fis-sentenza li tat fl-ismijiet **Philip Vassallo *vs.* Malta Freeport Terminals**[19]:

> "... appena jiġi pattwit kuntratt ta' impjieg, jiskattaw l-effetti ta' bosta liġijiet li jħarsu lill-ħaddiem, fosthom ... dawk dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jiskattaw fil-kors ta' kuntratt ta' impjieg, dawn ir-regoli jistgħu jkunu fonti ta' danni extra-kuntrattwali jew delittwali, li jistgħu jkunu wkoll konkorrenti mad-danni kuntrattwali.
>
> Skont l-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, "Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa **li biha jikser xi dmir impost mil-liġi,** hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."
>
> Ir-regola ġenerali in tema extra-kuntrattwali, li ilha stabbilita fil-Kodiċi Ċivili hi li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu." (Artikolu 1031). Ikun fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, iżda ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta' grad ikbar ta' diliġenza (Artikolu 1032).
>
> Anki fil-qasam tax-xogħol, kwalsiasi azzjoni (pożittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diliġenza tal-*bonus paterfamilias*. Għandha tkun akkumpanjata wkoll minn dak il-buon sens li ż-żmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew ikunu jiddettaw. Din hija l-bażi preventiva li l-liġi tagħna tiġbor fiha u dan sabiex tbiegħed lill-persuna mill-ħsara, anke għal dak li jirrigwarda ħsara potenzjali.
>
> Illi l-ġurisprudenza Ingliża ukoll tagħraf li fil-każ ta' korriment fuq il-post tax-xogħol, huma applikabbli kemm il-kuntratt ta' impjieg kif ukoll il-liġi delittwali, billi dawn jirkbu fuq xulxin u fil-fatt illum il-ġurnata jista' jitqies li fil-kuntratt ta' impjieg hemm patt impliċitu li min iħaddem għandu jipprovdi post tax-xogħol sikur għall-ħaddiem:
>
> *'The relationship itself of employer and employee is necessarily based upon contract but it has been the subject of some controversy in the past whether the common law duties regarding the employee's safety, are contractual duties or lie in tort. Because of the closeness of the relationship between employer and employee, as well as its very nature, there really can be no doubt today that a*

[19] P.A., 21.03.2016.

*duty of care does arise under the general law of tort, as expressed in* ***Donoghue vs Stevenson (****1932 A.C. 562). In* ***Davie vs New Merton Board Mills Ltd.,*** *(1959, A.C. 604) Viscount Simonds considered that, although liability primarily was to be regarded as having arise in tort, it could also be based on implied terms contained in the contract of employment.' –* ***Charlesworth & Percy on Negligence*** *(Ninth Edition, 1997).'*

Illi fil-qasam tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fl-1 ta' Mejju, 2001 daħal fis-seħħ l-Att XXVII tas-sena 2000 (illum Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) li bena fuq il-liġijiet u regolamenti li diġà kien hemm qabel. Bis-saħħa ta' dan l-Att, ġie ippubblikat fost ħafna regolamenti oħrajn, l-Avviż Legali 36 tal-2003 imsejjaħ 'Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol', li huwa korp ta' regolamenti ta' importanza kbira fil-qasam tax-xogħol.

Illi l-Att imsemmi jikkodifika prinċipji u dmirijiet ġenerali li għandhom jirregolaw dan il-qasam u biex jenfasizza l-importanza tiegħu jistqarr li, 'Il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.' (Artikolu 4(1)).

Illi l-Artikolu 4(2) jelenka dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li fuqhom għandhom jiġu imfasslin il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol:

(a) Li jiġi evitat riskju;

(b) L-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;

(c) L-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

**(d) Il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;**

**(e) Li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż bdak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;**

(f) Billi tingħata priorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;

(g) Li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;

(h) Billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u

(i) Billi tiġi żviluppata *policy* ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."

Applikati l-prinċipji li jitnisslu mill-artikolu 4(2) tal-Kap. 424 għall-każ odjern, huwa ċar li s-soċjetà konvenuta naqset milli tosserva diversi minn dawn l-obbligi partikolarment fejn jidħol l-obbligu tagħha li tikkontrolla r-riskji li ma jistgħux jiġu evitati kif ukoll li tieħu l-miżuri neċessarji biex jitnaqqas ir-riskju f'post tax-xogħol li l-uffiċjali tas-soċjetà konvenuta stess jirrikonoxxu li hu wieħed *high risk.* Din il-Qorti kompliet tispjega l-obbligi li jemerġu mill-Kap. 424 b'dan il-mod fis-sentenza appena ċċitata:

"Illi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 424 jew tar-regolamenti li jaqgħu taħtu għalhekk, jista' jissarraf f'responsabbilità tal-ħaddiem u ta' min iħaddem għall-ħsara konsegwenzjali li tista' ssir, u dan kif jistipula l-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili."

Il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Felix Xerri *vs.* Beechwood Limited**[20]:

"Għar-rigward il-prinċipji li jirregolaw il-materja, din il-Qorti tirribadixxi li, filwaqt illi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna timponi obbligi severi fuq min iħaddem biex jassigura '*a safe environment*' fuq il-post tax-xogħol u li dan jipprovdi l-mezzi kollha neċessarji u meħtieġa biex tiġi salvagwardjata l-inkolumità tal-ħaddiema tiegħu fuq il-lant tax-xogħol, dan ma jwassalx għall-kunċett ta' *'strict liability'* ta' min iħaddem, u l-impjegat li jweġġa' fuq ix-xogħol huwa obbligat li jipprova li l-inċident seħħ b'responsabbilità ta' min iħaddem. Lanqas ma jista' jgħid li teżisti xi preżunzjoni jew, kif sejħitilha l-ewwel Qorti, 'kważi preżunzjoni' ta' responsabbilità ta' min iħaddem kull meta jseħħ inċident li fih iweġġa' ħaddiem. Hu obbligu tal-ħaddiem li juri u jipprova li l-inċident seħħ konsegwenza ta' nuqqas ta' min iħaddem, partikolarment li jkun injora xi obbligu impost fuqu bil-liġi jew bil-ġurisprudenza *in subjecta materia*."

[20] Q.A., 03.04.2009.

Minn dak kollu li semgħet il-Qorti ma jirriżulta bl-ebda mod li l-attur kien b'xi mod responsabbli jew aġixxa b'xi mod li kkontribwixxa għall-inċident inkwistjoni u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjetà konvenuta hija unikament responsabbli għall-akkadut.

Illi għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-attur. Fir-rigward tad-danni materjali sofferti, l-attur esebixxa diversi riċevuti għal servizzi u prodotti li hu ħtieġlu jixtri b'rabta mal-ġrieħi li sofra kawża ta' dan l-inċident, li jikkonsistu fix-xiri ta' antibijotiċi (€169.63)[21], konsulta ma' Mr Piscopo (€112)[22], konsulta mal-kirurgu Mr Jason Zammit (€233)[23], ħlas għar-rapport mediku (€225)[24], u spejjeż oħra ta' oġġetti li kellhom jinxtraw minn diversi spiżeriji (€356.01)[25], biex b'hekk jirriżulta li d-danni materjali ppruvati mill-attur jammontaw għal **€1,095.64**.

Għal dak li jirrigwarda t-telf ta' qligħ soffert mill-attur minħabba fid-debilità permanenti sofferta minnu, il-Qorti jeħtiġilha tieħu konsiderazzjoni ta' diversi fatturi. L-attur xehed li hu dejjem baqa' jieħu l-paga mingħand is-soċjetà konvenuta tul iż-żmien kollu li fih ma setax jattendi għax-xogħol. L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula kif għandhom jitqiesu danni ta' din ix-xorta:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-**telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib**.[26]"

[21] Dok. SM 9, *a fol.* 57 tal-proċess.
[22] Dok. SM 10, *a fol.* 59, 60, 61 tal-proċess.
[23] Dok. SM 11, *a fol.* 62, 63, 64 u 65.
[24] Dok. SM 12, *a fol.* 66
[25] Dok. SM 13, *a fol.* 67
[26] Enfasi tal-Qorti.

Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[27], il-Qorti qalet hekk:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[28], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Hawnhekk il-Qorti tqis li għandha tagħmel riferiment ampju għas-sentenzi kopjużi tal-Qrati tagħna sabiex kemm jista' jkun tasal għal ammont likwidat li jkun jirrispekkja l-kriterji li ġew stabbiliti f'sentenzi simili li ngħataw diġà, anki għaliex huwa desiderabbli li jkun hemm grad ta' uniformità f'dawn it-tip ta' sentenzi.

Il-Qorti ser tieħu bħala dħul annwali li kien mistenni jipperċepixxi l-attur mis-soċjetà konvenuta fis-sena 2011 (is-sena li fih seħħ l-inċident), dak skont l-FS3[29], li kien fl-ammont gross ta' €26,032.96, li minnu wieħed irid inaqqas l-

[27] P.A., 18.02.2013.
[28] P.A., 27.04.2005.
[29] *A fol.* 71 tal-proċess.

ammont ta' €4,437 rappreżentanti t-taxxa fuq id-dħul u l-ammont ta' €1,840.28 bħala kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, sabiex b'hekk wieħed jasal għal paga netta ta' €19,755.68. Din il-paga trid tiġi aġġustata għall-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[30] li ser tistabbilixxi din il-Qorti, tenut kont li persuna fl-età ta' 46 sena (l-età li kellu l-attur fis-sena meta seħħ l-inċident) għad trid taħdem madwar dsatax (19)-il sena oħra sabiex tilħaq l-età tal-irtirar. Hawnhekk għandu jingħad ukoll li llum il-ġurnata huma diversi l-persuni li sakemm saħħithom tippermettilhom, jibqgħu jaħdmu anki wara l-età tal-irtirar. Minkejja li l-*multiplier* huwa fattur imħolli fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, il-Qorti tqis li trid tagħmel ġustizzja mal-fatti kif jirriżultaw u maċ-ċirkostanzi tal-ħajja li qegħdin ngħixu fis-soċjetà tal-lum meta tikkunsidra l-ammont ta' snin lavorattivi li persuna jkollha quddiemha. Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet imsemmija u taċ-cirkostanzi tal-kawża odjerna, il-Qorti sejra tapplika *multiplier* ta' tmintax (18). Is-salarju tal-attur irid jiġi aġġustat ukoll skont ir-rata tal-inflazzjoni[31], li bħala medja f'dawn l-aħħar ħames snin kienet ta' 0.96% fis-sena[32], sabiex it-telf futur tal-attur qiegħed jiġi kkalkulat fuq is-salarju medju tiegħu aġġustat għall-għoli tal-ħajja ta' €19,755.68 + €23,169.46 / 2 = €21,462.57.

Fil-komputazzjoni tagħha l-Qorti trid tikkunsidra l-percentwal ta' diżabilità li ssofri l-vittma bħala konsegwenza tal-inċident b'mod li tqis in-nuqqas fl-*industrial efficiency* tal-attur. F'dan il-każ, l-espert mediku maħtur mill-Qorti

[30] Fid-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Emanuel Zahra *vs.* Patrick Vassallo,** mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2003, il-Qorti qalet hekk dwar il-kunċett tal-*multiplier*: "Fil-kalkolu tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni mhux il-*life expectancy* tad-decujus, iżda l-ħajja lavorattiva tiegħu, in-natura u s-saħħa tiegħu, li tista' tvarja minn bniedem għal bniedem minħabba dawk iċ-ċirkostanzi li jissejħu the *'chances and changes of life'*. Wieħed irid jeżamina l-*earning capacity* tal-individwu, rigward tal-mard kif kontrobilanċjat mill-istat ta' saħħa tad-diżgrazzjat. Illi għalhekk il-*multiplier* m'għandux ikun bażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat, iżda fuq l-aspettattiva lavorattiva tiegħu u għandu jieħu in kunsiderazzjoni taċ-*chances and changes of life*."

[31] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe**, il-Qorti stabbiliet illi, "meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*."

[32] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont in-National Statistics Office {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

Mr Carmel Sciberras wasal għall-konklużjoni li d-diżabilità permanenti sofferta mill-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża hija fil-grad ta' 7%, u l-Qorti tqis li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddipartixxi minn din il-konklużjoni.

L-ammont dovut lill-attur ikun irid jitnaqqas b'20% minħabba li l-ħlas ser isir f'darba f'dawk l-istanzi fejn ikun għadda żmien qasir bejn l-event dannuż u s-sentenza finali.[33] F'kawżi li ħadu għadd ta' snin biex jinqatgħu, il-Qrati tagħna jqisu li għandu jkun hemm tnaqqis ta' 2% għal kull sena ta' dewmien sakemm il-kawża tkun waslet għall-eżitu finali[34] Fiċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna, il-Qorti tqis li m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-komputazzjoni finali minħabba d-dewmien u dan minħabba li dan l-inċident seħħ fis-sena 2011 u l-proċeduri odjerni bdew fis-sena 2015 u minn dak li osservat il-Qorti tul il-prosegwiment tal-kawża, ma kienx hemm delungar mingħajr ħtieġa min-naħa tal-partijiet involuti fil-kawża.

Għaldaqstant, ikkunsidrata l-paga medja tal-attur aġġustata skont l-inflazzjoni €21,462.57 multiplikata b'*multiplier* ta' 18, b'7% grad ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur, jagħti l-ammont ta' €27,042.84. Tnaqqis ta' 20% ta' dan l-ammont minħabba li l-ħlas ser isir f'pagament ta' darba, iwassal għal kumpens ta' **€21,634.27** *lucrum cessans,* li flimkien mal-ammont ta' danni materjali ta' **€1,095.64**, iwasslu għaċ-ċifra totali ta' **€22,729.91**.

[33] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Scicluna vs Meilaq**, P.A., 16.07.2001.
[34] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Caruana vs Camilleri**, P.A., 05.10.1993.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;**

**2. Tilqa' t-talbiet attriċi, u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża;**

**3.Tillikwida d-danni attriċi fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf, seba' mija u disgħa u għoxrin Euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€22,729.91);**

**4. Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati, bl-imgħax legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjeż kollha tal-kawża huma a karigu tas-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.